# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 25 ta' Jannar 2002**

**Numru**

**Citaz. numru 1252/85DS**

Avukat Leslie Grech bhala mandatarju tal-imsiefer Robert David Soole
vs
Frank Abela u r-Registratur tal-Qorti

Illum, 25 ta' Jannar 2002

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fit-13 ta' Frar 1984 li permezz taghha l-attur nomine wara li ppremetta:

Illi b'ittra ufficjali tal-ghaxra (10) ta' Jannar, elf disa' mija erba' u tmenin (1984) notifikat fit-tlettax ta' l-istess xahar, il-konvenut Frank Abela nterpella l-attur nomine biex ihallsu s-somma komplessiva ta' mitejn u zewg liri Maltin hamsa u disghin centezmu u tliet millezmi (Lm202.95,3) kwantu ghas-somma ta' hamsin lira, sitta u sittin centezmu u sitt millezmi (Lm50.66.6) mill-Prokuratur Legali Charles Vassallo u kwantu ghas-somma ta' mija tnejn u hamsin lira (Lm152) lil Dottor G.M. Camilleri u

dana bhala drittijiet professjonali fil-kawza kummercjali fl-ismijiet Robert David Soole vs Frank Abela ceduta fit-tnax (12) ta' April, elf disa' mija tlieta u tmenin (1983) citazzjoni numru 880/78 J.H.

Illi dan l-ammont intaxxat lill-Avukat u Prokuratur Legali huwa eccessiv u zbaljat billi ma gewx intaxxata a bazi tat-talba tal-attur kif dedotta fl-imsemmija citazzjoni.

talab lil din il-Qorti:

1. tiddikjara u tiddeciedi li l-pretenzjoni tal-konvenut Frank Abela ghall-pagament ta' Lm202.95,3 hija erronea stante li l-ammont intaxxat huwa eccessiv u zbaljat.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li jibqghu ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Frank Abela fejn qal:

Illi d-domandi tal-attur nomine hija nfondata billi t-tassazzjoni saret fuq is-somma ta' tmien t'elef lira pretizi mill-istess attur bhala danni kif jirrizulta mill-mandat ta' impediment ta' safar ta' persuna tal-hmistax ta' Settembru, 1978, li kopja fotostatika tieghu qeghda tigi esibita u markata dokument BD u dana kif fissat fit-tariffa E paragrafu ghoxrin (20) u paragrafu seba u tletin (37).

Illi jekk wiehed jikkalkula preciz isib illi r-Registratur intaxxa xi haga zghira inqas mit-tariffa.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Registratur tal-Qorti fejn qal:

Illi preliminarjament din l-Onorabbli Qorti mhix kompetenti li tiehu konjizzjoni ta' kawzi ta' ritassa u ghalhekk l-eccipjent jissottometti li ghandu jigi liberat "ab observantia", bl-ispejjez.

Bla pregudizzju ghal fuq eccepit t-tassazzjoni li saret hija skond il-ligi.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat is-sentenza preliminari ta' din il-Qorti diversament presjeduta moghtija fit-22 ta' April 1985 fejn giet milqugha l-ewwel eccezjoni tal-konvenut Registratur tal-Qorti fis-sens li l-Qorti kompetenti kienet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili u mhux il-Qorti tal-Kummerc (li quddiemha kienet originarjament intavolata c-citazzjoni), liema sentenza giet ikkonfermata mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell bis-sentenza taghha tat-12 ta' Gunju 1985;

Rat id-digriet tat-23 ta' Gunju 1987 fejn gie nominat l-Avukat Dottor Albert Libreri bhala perit legali biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat id-digriet tas-16 ta' Frar 2000 fejn il-perit legali gie ordnat iqieghed l-inkartamenti fil-pussess tieghu ghad-dispozizzjoni tal-Qorti;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Permezz ta' din il-kawza l-attur nomine qieghed jimpunja t-taxxa (Dok. DG2 esebit fis-seduta peritali tal-11 ta' Marzu 1991) mahduma mill-konvenut Registratur tal-Qorti in konnessjoni mal-kawza kummercjali fl-ismijiet "Robert David Soole vs Frank Abela" li giet ceduta fit-12 ta' April 1983.

Huwa jsostni fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu li skond l-artikolu 747(2) tal-Kap 12 dik il-kawza kellha valur indeterminat ghaliex il-valur tal-haga ma jirrizultax la mit-talba ta' l-attur u lanqas mill-artikoli sussegwenti. Ighid ukoll li l-artikolu 748(b) per ezempju mhuwiex applikabbli peress li l-ittra ufficjali u mandat ta' impediment ta' safar mahruga minn Soole kontra Abela mhumiex kitba li jorbtu l-partijiet peress li l-ammonti kienu kontestati. Inoltre mill-provi ma jirrizultax li saret xi nota mill-kontendenti biex ikunu kwantifikati d-danni msemmija fit-tieni talba tac-citazzjoni ghall-fini ta' tassazzjoni, liema tassazzjoni kellha ssir a bazi tal-paragrafu 22 tat-Tariffa E ta' l-Iskeda A tal-Kap 12 allura vigenti.

Fin-nota responsiva tieghu l-konvenut Frank Abela jghid li l-attur nomine kien fil-fatt diga` kkwantifika d-danni minnu pretizi tant li kkawtela l-interessi tieghu f'dak l-ammont permezz tal-mandat ta' impediment ta' safar mahrug minnu. Ighid il-konvenut li dan il-mandat kien jikkostitwixxi rabta bejn il-partijiet peress li sabiex il-konvenut jehles

minnu biex ikun jista' jsiefer kien ikollu jorbot is-somma indikata fil-mandat ta' Lm8000 bhala garanzija. Inoltre il-fatt li ma saret l-ebda nota dwar il-kwantifikazzjoni tad-danni huwa biss dovut ghall-fatt li kienet decizjoni unilaterali ta' l-attur nomine li jcedi l-kawza minghajr ebda tranzazzjoni jew patteggjar mal-konvenut. Ghalhekk issottometta li huwa applikabbli l-paragrafu 20 tat-Tariffa E fuq imsemmija. Ghamel riferenza wkoll ghas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fl-10 ta' Ottubru 1958 fil-kawza fl-ismijiet **Emmanuele Barbara vs Michelina Farrugia**.

F'din is-sentenza dik l-Onorabbli Qorti qalet hekk:

> *"...il-Qorti ezaminat il-Ktieb tat-Tassazzjoni u minn dan jirrizulta li l-ispejjez gew intaxxati fuq is-somma ta' £120. Din kienet is-somma li ppretenda l-attur, ara dok. fol. 28. Din it-tassazzjoni hija korretta ghaliex hija konformi ghal prattika inveterata li meta, ghalkemm l-attur ikun talab somma indeterminata, pero` f'xi skrittura jew xort'ohra fil-proceduri jkun iffissa somma bhala oggett tal-pretensjoni tieghu, allura dik is-somma titqies iddomandata u t-tassazzjoni – li kieku diversament kienet issir fuq l-ottenut – issir fuq dik is-somma."*

Hemm issir referenza wkoll ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-23 ta' Frar 1935 fil-kawza fl-ismijiet **Salvatore Tonna vs Edgardo Staines noe et** (Vol. XXIX.ii.357) fejn il-Qorti qalet:

> *"...fl-azzjonijiet li ghandhom bi skop taghhom il-pagament ta' somma ta' flus, it-tassazzjoni tad-drittijiet gudizzjarji hija regolata fuq id-domanda, u fuq l-ottenut jekk l-ammontar ma jigix determinat bid-domanda (Musu` vs Notaro Micallef noe: Collezione, Volum XVII, Parti ii, pagna 123);*
>
> *Illi pero` l-kelma 'domanda' jista' jkollha zewg sijifikati. Difatti, kif jispjega l-Mortara fil-kumment tad-dispozizzjoni tal-Kodici Taljan (li tghid 'il valore della causa I determina dalla domanda'): 'questa formola della legga puo` essere interpretata in due sensi, secodnocche` per 'domanda' si intende soltanto la 'pretesa' che l'attore deduce nella sua citazione ovvero il 'complesso' della controversia su cui il magistrato e' invitato a proncuniare la sentenza' (Volum II, pagna 37)'. U aktar tard l-istess awtur ighid (idem pagna 94): 'in questo senso la regola che il valore della causa si determina dalla domanda va riferito non piu` all'istanza*

*proposta dall'attore con la citazione, ma a quella che viene chiamata da alcuni la massa litigiosa, ossia il complesso del tema contenzioso, sviluppatosi e formato integralmente nel corso del processo;*

*...;*

*Illi, fl-opinjoni ta' dina l-Qorti, il-kelma 'domanda', biex jigi rispettat dana l-principju infurmatur tat-tassazzjoni, ghandha tigi f'kaz simili intiza mhux biss ghac-citazzjoni, vera u proprja, imma anki ghall-kontenut ta' skrittura prezentata fil-korp tal-proceduri, li biha l-attur jiddetermina d-domanda;*

*...;*

*Illi konsegwentement il-pritiza ta' l-attur giet determinata bid-domanda, intiza dina l-kelma fis-sens fuq espost, u ghaldaqstant anki skond il-gurisprudenza fuq citata, it-tassazzjoni ghandha ssir, kif saret, fuq l-ammont mitlub, u mhux fuq l-ottenut".*

Il-Qorti tirreferi wkoll ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fid-9 ta' Frar 1951 fil-kawza fl-ismijiet **Carmelo Axiak vs Av. Dr. Giuseppe Vella noe et** (Vol. XXXV.ii.361) u ghal dak li ntqal hemm li:

*"...f'kawzi simili t-tassazzjoni ghandha tigi regolata mid-domanda jew talba; liema principju jista' jigi kwalifikat mill-massima l-ohra li tghid li, meta mill-massa litigjuza jkun jidher x'kien il-valur in kontestazzjoni, it-taxxa ghandha tigi fuqu regolata, cioe` ghandu jigi studjat u ezaminat x'ikun l-oggett taghha. Minn dana jitnissel li l-ezami ghandu jirraggira ruhu dwar il-kumpless ta' dak li jkun in kontestazzjoni, jew tal-'Quod disputatum est', li jista' jigi ragjonevolment indott jew determinat minn dak li jkun jirrizulta waqt id-dibattitu u l-istess trattazzjoni tal-process; u ghal dana l-fini jistghu u ghandhom iservu tant id-dikjarazzjonijiet orali, u 'multo magis' l-iskritturi mdahhla fil-proceduri bil-miktub, indipendentement mill-fatt jekk it-talbiet li jkunu gew proposti ghall-ezami u decizjoni tal-Qrati jigux imbaghad finalment milqugha jew michuda (ara Appell 'Dr. Souchet vs Registratore Giovanni Xuereb', Vol. XII, pag. 41, tas-16 ta' Novembru 1888; P.A. Civili 30 ta' Gunju 1896 'Dr. Messina vs Commte. Borg et, Vol. XV, pag. 547; P.A. Civili 8 ta' Lulju 1903 'Raffaele Debono vs Ruggiero Muscat noe', Vol. XVIII.ii.345; P.A. Civili 'Salvatore Tonna vs Edgar Staines noe et', Vol. XXIX.ii.357; u Appell 'Falzon vs Staines noe et', 17 ta' Frar 1944 (mhix publikata)".*

Fic-citazzjoni li Robert David Soole kien intavola kontra Frank Abela, huwa talab li l-konvenut jigi dikjarat responsabbli ghad-danni sofferti minnu, li jigu likwidati dawn id-danni u li l-konvenut jigi kkundannat ihallas id-danni hekk likwidati. Mhuwiex kontestat li dik il-kawza giet ceduta u ma giet ipprezentata l-ebda nota mill-partijiet jew xi hadd minnhom biex jigi kwantifikat il-valur ghall-fini ta' tassazzjoni. Izda fl-istess citazzjoni l-attur stess talab li l-konvenut jigi kkundannat ghall-hlas ta' l-ispejjez tal-mandat ta' impediment ta' safar li kien inhareg fuq talba tieghu kontra l-konvenut. U f'dak il-mandat giet stabbilita l-pretensjoni ta' l-attur fl-ammont ta' Lm8,000. Ghalhekk m'hemm l-ebda dubju li dak il-mandat kien jifforma parti integrali mill-"massa litigjuza" u li ghall-fini ta' tassazzjoni kien applikabbli dak li kien jipprovdi l-paragrafu 21 tat-Tariffa E fuq imsemmija: *"Meta dikjarazzjoni li jkun fiha decizjoni ta' xi punt ta' ligi jew ta' fatt, ikollha x'taqsam ma' valur determinat jew <u>determinabbli</u> skond il-ligi jew <u>mill-process</u>* (sottolinear tal-Qorti), *id-dritt relattivament ghal dik id-decizjoni jkun intaxxat skond il-paragrafu 20 fuq il-valur hekk stabbilit"*. Naturalment, in vista tal-fatt li l-kawza giet ceduta, kien applikabbli wkoll il-paragrafu 37 ta' l-istess Tariffa. Konsegwentement l-ammont ta' Lm8,000 gie korrettement mehud bhala l-valur ghall-fini ta' tassazzjoni tal-kawza msemmija u li t-tassazzjoni rizultanti ta' Lm202.95,3 hi korretta.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad it-talba attrici bl-ispejjez kontra l-attur nomine.

Onor. Imhallef
Dottor David Scicluna                                        D/Registratur